**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 11/12(19_01_12).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 19 ta' Jannar 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, tal-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana – Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri – Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Saviour Spiteri – Viċi-Sindku u Is-Sur Patrick Grima – Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-14 ta' Jannar 2012.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Estimi Finanzjarji 2012.
6. Laqgħa tal-Lokalita' 2012.
7. Offerti – Proġett Pjazza tal-Knisja.
8. Offerti – Servizz ta' Perit.
9. *Public Private Partnership* fuq Toroq.
10. Karnival fil-Munxar 2012.
11. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
12. Rapport tas-Sindku.
13. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
14. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
15. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 121/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Għeluq tas-Sena Finanzjarja'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 122/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 123/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Projbizzjoni ta' Tipjip fi *Playgrounds* jew Ġonna Pubbliċi'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 124/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Sejħa għall-Offerti ta' Servizzi ta' *Authorised Officers*'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 1/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward '*Seminar* dwar Nuqqasijiet li jirriżultaw mill-Verifika tal-Finanzi tal-Gvern Lokali'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 2/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali (Marzu 2012)'.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 3/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Stedina', għal żewġ attivitajiet li ser jinżammu għal Presidenti Reġjonali, Sindki, Kunsilliera, *Chairpersons* u Membri tal-Kumitati Amministrattivi fis-17 ta' Jannar 2012, fl-Excelsior Grand Hotel Malta, Floriana u fis-26 ta' Jannar 2012, fil-Kempinski Hotel, San Lawrenz.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 4/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Linji Gwida għal Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsilli Lokali'.

2.09 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-*Chairperson*, Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena 2012 Organising Committee fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għall-Affarijiet tal-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku rigward il-Formoli għan-Nominazzjoni – Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena 2012'.

2.10 Il-Kunsill irċieva mingħand ir-Reġjun Għawdex il-Minuti tal-Laqgħa Nru. R12/11 li saret fil-5 t' Ottubru 2011.

2.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-*Chairman* – Kumitat Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali, fl-Uffiċċju tal-Kultura u Informazzjoni, Dipartiment tal-*Customer Services* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward 'Karnival Reġjonali ta' Għawdex 2012'.

2.12 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand Membru fil-European Court of Auditors u mingħand l-Awditur Ġenerali, National Audit Office għas-*Seminar* dwar 'Audit of EU funded projects at the Local Government level', fis-26 ta' Jannar 2012 fil-Grand Hotel Excelsior, Floriana.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Council of Global Mayors' Forum (GMF) – Invitation for submission of articles in English on Sustainable Development', fejn qed titwassal ukoll *e-mail* mill-Ambaxxatur ta' Malta f' Beijing u *e-mail* mis-Segretarja tal-Kunsill tal-GMF.

2.14 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Managing Director, TCTC sabiex il-Kunsill jattendi għat-TCTC Annual Event, fis-27 ta' Jannar 2012 fil-Cortile, limiti tan-Naxxar.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Project Manager, SOS Malta rigward 'Event Request – SOS Malta Intercultural Event' fir-rigward tal-proġett li qed jaħdmu fuqu bl-isem ta' 'SameDifference'.

2.16 Il-Kunsill irċieva mingħand ir-Reġjun Għawdex il-Minuti tal-Laqgħa Nru. R13/11 li saret fid-9 ta' Novembru 2011 u l-Aġenda ta' l-14-il laqgħa ta' dan ir-Reġjun.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid ta' proprjeta' fi Triq il-Puniċi, Ix-Xlendi sabiex titranġa l-bankina ta' quddiem il-proprjeta' tagħha. Kien hemm qbil dwar dan.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 11/12(19_01_12).

**5.00 Estimi Finanzjarji 2012.**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz ta' l-Estimi Annwali 2012. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2012 għall-Kunsill tal-Munxar ser tkun €212,183 li minnhom hemm €90,504 li huma allokazzjoni għax-Xlendi. Ma' din l-allokazzjoni huwa kkalkulat li d-dħul minn permessi u *photocopies* ikun ta' €1,500 li minnhom hemm €600 mix-Xlendi. Emoljumenti personali għas-sena sħiħa ser ikunu €59,646 li minnhom hemm €25,833 għax-Xlendi. Qed isir estimu ta' €148,955 għal spejjeż ta' kuntratti u manutenzjoni fejn €63,190 ser jintefqu direttament fil-Bajja tax-Xlendi.

**6.00 Laqgħa tal-Lokalita' 2012.**

6.01 Skont l-artiklu 70 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), ġie deċiż li ssir Laqgħa Pubblika Annwali għall-persuni mill-Munxar li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Il-Munxar nhar l-Erbgħa, l-15 ta' Frar 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali.

Il-persuni kollha li jidhru fir-Reġistru Elettorali Lokali ser ikunu mħeġġa li jattendu għal din il-laqgħa u jipparteċipaw fid-diskussjoni. Waqt il-laqgħa jingħata rendikont tar-rapport tax-xogħlijiet li saru mill-Kunsill matul l-2011. Il-membri tal-pubbliku li jattendu l-laqgħa jistgħu jressqu s-suġġerimenti tagħhom.

**7.00 Offerti – Proġett Pjazza tal-Knisja.**

7.01 Il-Kunsill irċieva 4 offerti:

- Patrick & Dominic Refalo - €109,005.89
- J. Portelli Projects - €119,667.88
- Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. - €105,702.00
- Road Construction Co. Ltd. - €98,107.23

Peress li fl-orħos offerta ma kienx hemm indikat speċifikazzjonijiet ta' l-għamara ta' barra, l-Kuntrattur intalab sabiex iġib ritratti u speċifikazzjonijiet.

Il-Kumitat ta' l-aġġudikazzjoni kien ser jiltaqa' fil-25 ta' Jannar 2012 u jkun hemm preżenti l-Perit Samuel Formosa.

7.02 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar il-finanzjament ta' din l-offerta. €70,000 ser jinġiebu mill-Fond Eco-Gozo u €5,000 mill-Fond UIF. Għad irid jiġi deċiż minn fejn ser jiġu ffinanzjati €23,107 u t-10% *Contingency* li tammonta għal €9,810.

**8.00 Offerti – Servizz ta' Perit.**

8.01 Il-Kunsill irċieva 4 offerti mingħand Periti jew Kumpaniji ta' Periti sabiex jagħtu servizz ta' Perit lill-Kunsill:

- Perit Robert Grech
- Med Design Associates
- Perit Claude Mallia
- Perit William Lewis

Kien hemm qbil unanimu li jintgħażel il-Perit William Lewis peress li kienet l-orħos offerta u l-Kunsill diġa' kellu kuntratt ta' xogħol ieħor miegħu.

**9.00 *Public Private Partnership* fuq Toroq.**

9.01 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ser jiffinanzja 50% ta' l-ispejjeż tat-toroq, liema toroq iridu jsiru fi żmien sentejn. Il-Kunsill kien ser jara minn fejn ser jiġu ffinanzjati l-50% l-oħra, jiġifieri, s-somma ta' €160,000.

**10.00 Karnival fil-Munxar 2012.**

10.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar l-attivita' tal-Karnival li kull sena tiġi organizzata mill-Kunsill fil-Munxar. Ġie deċiż li din is-sena l-attivita' ssir nhar is-Sibt, 18 ta' Frar 2012 fis-1 ta' wara nofsinhar.

**11.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

11.01 Is-Sezzjoni tar-Roads għadhom kemm lestew il-marki fil-Pjazza tal-Knisja u b' hekk ġie stabbilit kif ser tkun il-Pjazza għal meta l-proġett jitlesta.

11.02 Triq ta' Bardan tranġat bil-*cold asphalt*, fejn l-*asphalt* ġie pprovdut mis-Sezzjoni tar-Roads.

11.03 Is-*safety railing* ta' quddiem l-entratura ta' Ġnien Ragalna twaħħal u l-bażi tal-*Bus Shelter* u ta' l-*Interactive Kiosk* kienu tlestew.

**12.00 Rapport tas-Sindku.**

12.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet saret il-Ħarġa għall-Anzjani u l-Ħarġa għal Malta fejn l-attendenza kienet tajba ħafna. Il-kors tal-*Fitness* għall-Adulti kien lest filwaqt li l-kors ta' *Sports* għat-tfal kien baqa' lezzjoni waħda.

12.02 Il-Kunsill kien talab lill-MEPA għal *reconsideration* għall-garanzija sabiex niċċa tiġi restawrata.

12.03 Il-Ministru tal-Ġustizzja l-Onor. Dr. Chris Said kien għamel żjara fejn qed isiru xogħlijiet f' Tal-Ponta, liema xogħlijiet qed jiġu ffinanzjati b' fondi mill-Miżuri 323 u 313 tal-EU.

12.04 Il-Perit Formosa qed jitlob sabiex qabel jibda l-Proġett tal-Pjazza tal-Knisja, jittieħdu l-livelli u għaldaqstant ser issir stima minn qabel.

**13.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

13.01 Permezz ta' Memo 122/2011, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali nieda skema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar. Din is-sejħa ser tagħlaq fid-9 ta' Frar 2012. Ġie deċiż li l-Kunsill japplika sabiex jinfetħu x-*Shelters* tal-Pjazza tal-Knisja u ta' Triq Il-Munxar, isir restawr tal-Pont fuq il-Wied tal-Lunzjata, restawr tan-Niċċa ddedikata lil Qalb ta' Ġesu' mad-dar 88 Triq Il-Munxar, restawr tan-Niċċa ddedikata lil San Ġwann mad-dar 44 Triq Il-Munxar u restawr tas-Salib li hemm imnaqqax fuq il-blat fix-Xlendi.

13.02 Is-Segretarju Eżekuttiv kien attenda għal *Seminar* dwar nuqqasijiet li jirriżultaw mill-verifika tal-Finanzi tal-Gvern Lokali organizzat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u n-National Audit Office. Matul dan is-*Seminar* ingħata tagħrif dwar il-miri tad-Dipartiment fir-rigward ta' l-operat tas-Segretarju Eżekuttiv fir-rigward tal-proċess tal-verifika kif ukoll informazzjoni oħra dwar in-nuqqasijiet li qed jirriżultaw minn sena għall-oħra. F' dan is-*Seminar* ġew varati t-*templates* il-ġodda li bihom iridu jsiru l-Estimi Annwali, r-Rapporti Finanzjarji ta' kull 3 xhur u r-Rapport dwar l-Indikatur Finanzjarju.

**14.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

14.01 Is-Sinjura Carmen Said talbet lill-Kunsill sabiex jerġa' jitlob biex ir-*Road Hump* li kien hemm fi Triq Ras il-Bajjada terġa' ssir.

**15.00 Materji oħra.**

15.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġie mitlub sabiex il-Kunsill iwaħħal bozza mal-faċċata ta' *block Flats* fi Triq Il-Munxar, jinbena ħajt fi Triq ix-Xatba u titranġa d-daħla għall-għalqa fi Triq Ras il-Bajjada.

15.02 Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tintela toqba li qiegħda f' passaġġ fi Triq San Pawl, titranġa bankina quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali u bankina oħra fi Triq Dun Spir Gauci. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.20 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 23 ta' Frar 2012, fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |